MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 472/2012

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs.**

**Kane Zammit K.I. 250386 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf disa' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1928.88), in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni bil-kont numru A/C51110538 reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut, liema servizzi ġew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 16 t'Awwissu 2010;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi, u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ippreżentata mis-soċjeta′ attriċi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 illi permezz tagħha hija rriduċiet l-ammont minnha pretiż għas-somma ta' elf mitejn u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1228.88).

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elf mitejn u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1228.88), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2012 u numerata 1203/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------